

Is-servizzi transkonfinali fis-suq intern: kontribut importanti għall-koeżjoni ekonomika u soċjali

Studju

Sommarju Eżekuttiv

Is-suq uniku Ewropew bla dubju ta' xejn ikkontribwixxa għal aktar benessri u prosperità fl-Ewropa kollha, billi ggarantixxa l-moviment ħieles tal-prodotti, il-kapital, is-servizzi, u x-xogħol bejn l-Istati Membri. Dan l-istudju jiffoka fuq l-aħħar żewġ aspetti, speċjalment il-forniment ta' servizzi transkonfinali. Is-servizzi transkonfinali ta' spiss jinkludu persuna li taqsam il-fruntiera bejn Stati Membri. Tali servizzi jistgħu jiġu pprovduti fuq vjaġġ qasir jew mill-istazzjonar tal-ħaddiema għal perjodu itwal ta' żmien. L-istazzjonar tal-ħaddiema biex jipprovdu servizzi barra l-pajjiż fuq bażi temporanja huwa rregolat mid-direttivi tal-Unjoni Ewropea. Ir-regoli għandhom l-għan li jipprovdu qafas ċar biex jiggarrantixxu kompetizzjoni ġusta u rispett għad-drittijiet tal-ħaddiema stazzjonati sabiex kemm in-negozji kif ukoll il-ħaddiema jkunu jistgħu jieħdu vantaġġ sħiħ mill-opportunitajiet tas-suq intern. Madankollu, regolamentazzjoni stretta wisq tista' effettivament taħdem bħala ostaklu għas-suq għall-kumpaniji bi produttività tax-xogħol aktar baxxa.

Sabiex jintwerew l-impatti tar-regolamentazzjoni żejda tas-suq tas-servizzi Ewropew, dan l-istudju għandu l-għan li jikkwantifika l-valur tas-servizzi transkonfinali għall-koeżjoni ekonomika u soċjali fl-Ewropa.

Fl-2014 madwar **10,9 miljun impjieg** fl-Unjoni Ewropea kienu bbażati fuq l-esportazzjoni ta' servizzi transkonfinali lejn Stati Membri Ewropej oħra. Mis-sena 2000 'l hawn, l-ammont totali ta' impjegati dipendenti fuq is-servizzi transkonfinali kważi rdoppja. Filwaqt li l-impjieg totali fl-UE kiber b'5,5 %, l-impjieg dipendenti fuq is-servizzi transkonfinali żdied b'94 %, li **jappoġġja b'mod ċar it-tkabbir fl-impjegi** fl-UE .

Filwaqt li pajjiżi Ewropej iżgħar u l-Istati Membri fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant huma – relattivament għall-forza tax-xogħol totali tagħhom – aktar investiti fis-suq tas-servizzi transkonfinali, il-biċċa l-kbira tal-impjegi transkonfinali dipendenti fil-fatt jinsabu fl-istati tal-UE-15. Madwar 74 fil-mija tal-impjegi transkonfinali jinsabu f'dawn il-pajjiżi, u r-Renju Unit, il-Ġermanja u Franza jospitaw l-aktar impjegati fl-impjegi tas-servizzi transkonfinali. Din is-sejba hija konsistenti mar-riċerka preċedenti dwar is-servizzi transkonfinali bbażata fuq in-numru ta' Dokumenti Portabbli A1. Aktar minn 38 fil-mija tal-istazzjonar tal-ħaddiema rreġistrati hawnhekk iseħħu minn Stat Membru ta' paga għolja wieħed għal ieħor. Dawn iż-żewġ riżultati juru li l-esportazzjonijiet transkonfinali huma **fattur ekonomiku importanti fl-Istati Membri kollha**. B'kollox, ir-Renju Unit jiggwadannja l-iżjed miss-suq uniku għas-servizzi fl-UE. Il-Brexit jista' jhedded 1,7 miljun impjieg ta' servizzi transkonfinali fir-Renju Unit.

Filwaqt li s-servizzi transkonfinali spiss kienu assoċjati ma' kompiti ta' xogħol intensiv, l-istudju juri li **l-impjegi f'setturi ta' servizzi intensivi fl-għarfien** li jiddependu fuq l-esportazzjoni ta' servizzi transkonfinali **kibru kważi fl-istess ammont daqs kompiti li huma intensivi fix-xogħol**. L-impjegi dipendenti transkonfinali fis-setturi tas-servizzi intensivi fl-għarfien żdiedu b'77 fil-mija mis-sena 2000 'l hawn. Madwar 4,2 fil-mija tal-impjegi fis-setturi tas-servizzi intensivi fl-għarfien fl-UE-28 jiddependu mill-esportazzjoni tas-servizzi transkonfinali. Barra minn hekk, is-settur ekonomiku individwali li jiddependi l-aktar mill-esportazzjoni tas-servizzi transkonfinali huwa l-forniment ta'

servizzi professjonali, xjentifiċi u tekniċi. Madwar 13,6 fil-mija tal-impjieggi fis-settur fl-UE-28 jiddependu minn esportazzjonijiet ta' servizzi transkonfinali. Dan juri li s-servizzi transkonfinali mhumiex limitati għal impjieggi intensivi fix-xogħol. Huma wkoll importanti ħafna għall-impjieggi intensivi fl-għarfien f'setturi b'pigi għoljin.

Għal prosperità ekonomika u tkabbir fl-impjieggi l-istudju jsib **rabta ċara u pożittiva bejn is-servizzi transkonfinali u t-tkabbir ekonomiku u tal-impjieggi**. Pajjiżi b'sehem ogħla ta' servizzi transkonfinali rreġistraw tkabbir ferm aktar b'saħħtu fl-impjieggi u l-PDG minn pajjiżi li kienu inqas involuti fis-suq tas-servizzi transkonfinali. It-tkabbir fl-impjieggi b'mod speċjali huwa marbut b'mod qawwi mas-sehem ta' impjieggi dipendenti transkonfinali fl-ekonomija. Jekk pajjiż iżid is-sehem tiegħu f'impjieggi ta' servizzi transkonfinali b'1 fil-mija, l-impjieg totali tiegħu huwa mistenni li jikber b'0,013 fil-mija.

L-effett pożittiv ta' servizzi transkonfinali jista' jidher fl-ekonomija totali, iżda wkoll f'setturi ta' servizzi intensivi fl-għarfien. Pajjiżi b'sehem ogħla ta' impjieggi intensivi fl-għarfien dipendenti fuq l-esportazzjoni tas-servizzi transkonfinali rreġistraw tkabbir aktar b'saħħtu minn pajjiżi oħra fl-impjieggi fis-settur tas-servizzi intensivi fl-għarfien.

Analiżi statistika tkompli tagħti prova tar-rabta pożittiva bejn is-sehem tas-servizzi transkonfinali u t-tkabbir ekonomiku fl-ekonomija. Tnaqqis fis-sehem tas-servizzi transkonfinali b'1 fil-mija jista' jnaqqas il-PDG totali fl-EU-28 b'madwar EUR 8 biljun. Dan l-effett, madankollu, jiddependi fuq is-suppożizzjoni li l-impjieggi li jiddependu fuq esportazzjonijiet ta' servizzi transkonfinali jistgħu jiġu sostitwiti bid-domanda nazzjonali għall-impjegati li attwalment jaħdmu f'industriji ta' servizzi li jesportaw u b'hekk l-impjieg totali jinżamm kostanti. B'total ta' 10,9 miljun impjegat li jiddependu fuq esportazzjonijiet ta' servizzi transkonfinali, l-effetti ekonomiċi ta' qafas regolatorju aktar strett fuq l-esportazzjonijiet ta' servizzi transkonfinali x'aktarx ikunu ogħla b'mod sinifikanti. Fl-2014, **il-valur miżjud totali li jiddependi fuq l-esportazzjonijiet ta' servizzi transkonfinali ammonta għal madwar EUR 625 biljun fl-UE-28.**

Peress li għadu jiġi osservat effett pożittiv tas-sehem tas-servizzi transkonfinali filwaqt li l-impjieg jinżamm kostanti, wieħed jista' jassumi li l-impjieggi f'setturi li jesportaw is-servizzi transkonfinali tagħhom jidhru li għandhom impatt pożittiv ogħla fuq il-PDG nazzjonali mill-impjieg medju fl-ekonomija totali.

L-istudju jsib ukoll **rabta pożittiva bejn is-sehem tas-servizzi transkonfinali u l-indikaturi tal-koeżjoni soċjali**. Pajjiżi b'sehem tas-servizzi transkonfinali ogħla għandhom bħala medja proporzjon aktar baxx ta' persuni f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali. Barra minn hekk, il-kumentizza u s-sodisfazzjon medju bil-ħajja huma marbuta b'mod pożittiv mas-sehem ta' impjieggi dipendenti fuq l-esportazzjoni ta' servizzi transkonfinali. Għalhekk, sehem akbar fl-impjieggi dipendenti fuq is-servizzi transkonfinali jidher li **jżid il-kumentizza tal-persuna medja fl-ekonomija**.

L-effetti tas-sehem ta' impjieggi dipendenti fuq servizzi transkonfinali fuq il-koeżjoni soċjali huma sinifikanti, iżda pjuttost żgħar f'ċifri assoluti. Żieda ta' 1 % fis-sehem tas-servizzi transkonfinali żżid l-"indiċi ta' sodisfazzjon" fuq skala minn 1 għal 4 punti b'0,0086 punti. Madankollu, peress li r-risultati miksuba qabel juru li s-servizzi transkonfinali huma mutur importanti tat-tkabbir totali tal-impjieggi, l-effetti pożittivi tal-ħolqien tal-impjieggi u s-sigurtà tal-impjieg jeħtieġ li jiġu kkunsidrati meta jiġi vvalutat il-valur tas-servizzi transkonfinali għall-koeżjoni soċjali.

B'risultat ta' dan, tista' tiġi osservata rabta pożittiva ċara bejn l-esportazzjonijiet ta' servizzi transkonfinali u l-koeżjoni soċjali, it- tkabbir ekonomiku u speċjalment it- tkabbir fl-impjiegi. Għalhekk, l-implimentazzjoni ta' katini ta' valur transkonfinali fl-industriji tas-servizzi tista' tiġi deskritta bħala **mutur importanti tal-ekonomija Ewropea**.

L-armonizzazzjoni ta' kundizzjonijiet ta' għajxien tajbin fl-UE hija fattur importanti għas-soċjetà fl-UE. Sabiex jiġi appoġġjat dan l-oġettiv, is-suq uniku Ewropew tas-servizzi jrid jitfassal b'tali mod li d-differenzi bejn il-pajjiżi individwali ma jkunux kbar wisq. Regolamentazzjoni wisq ħarxa fuq il-kapaċità li jiġu pprovduti servizzi transkonfinali tista', madankollu, ikollha effett kontroproduktiv fuq l-armonizzazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-għajxien fl-Istati Membri billi tillimita t- tkabbir ekonomiku u tal-impjiegi.

Filwaqt li l-qafas regolatorju jrid jiggarantixxi d-drittijiet u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema f'impjiegi ta' servizzi transkonfinali, għandu jiġi evitat regolamentazzjoni eċċessiva li tfixkel b'mod serju l-forniment ta' servizzi transkonfinali. Id-Data użata f'dan l-istudju turi li setturi ekonomiċi differenti għandhom livelli differenti ta' dipendenzi fuq servizzi transkonfinali u għalhekk, ir-regoli għall-esportazzjoni tas-servizzi fl-UE jista' jkollhom effetti differenti fuq l-attivitajiet ekonomiċi. Ir-regolamentazzjoni effettiva tas-servizzi transkonfinali għandha tqis dawn id-differenzi. Bl-**applikazzjoni tar-regoli għas-setturi tas-servizzi biss fejn ir-regolamentazzjoni xierqa hija meħtieġa**, is-suq uniku jista' jkun ħafna aktar effiċjenti.